MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 181/2009

Christopher **BRINCAT**, Lara Scicluna u Karl-Joseph Brincat

vs

Emanuela **CARUANA**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment mogħti għall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 wara verbal magħmul mill-avukati tal-atturi waqt is-smigħ tat-12 ta’ Frar, 2013[1], li bih opponew li tingħata x-xhieda mill-avukat Kenneth Grima, li

[1] Paġġ. 346 – 7 tal-proċess

kien tressaq biex jixhed bħala xhud tal-imħarrka, u dan għaliex l-istess xhud kien marbut bis-sigriet professjonali, liema rabta ma setgħetx tinħall ladarba l-klijent tiegħu kien miet;

Rat il-verbal magħmul mill-avukat tal-imħarrka waqt l-istess smigħ u li bih qal li "l-personalita' ġuridika tal-mejjet titkompla fil-persuna tal-werriet tiegħu, l-intimata, u għalhekk l-intimata hija legalment f'pożizzjoni illi, minflok il-mejjet, teżenta lil Dr Grima mis-sigriet professjonali illi kien jorbtu versu Carmelo Brincat";

Rat li, hekk kif inqala' l-imsemmi episodju, l-Qorti waqqfet lix-xhud Dr Grima milli jkompli jagħti x-xhieda tiegħu sakemm tipprovdi dwar l-ammissibilita' tiegħu bħala xhud;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fl-20 ta' Frar, 2013[2], bir-riferenzi tagħhom dwar il-kwestjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka fis-27 ta' Frar, 2013[3] bir-riferenzi tagħha dwar il-kwestjoni;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-avukat Grima kien l-avukat tal-fiduċja ta' Carmelo Brincat, missier l-atturi, li miet f'Diċembru tal-2006[4]. L-avukat imsemmi kien ukoll mandatarju tal-istess Brincat[5];

Tqis li b'testment tiegħu tas-6 ta' Ġunju, 2005, l-imsemmi Carmelo Brincat ħalla b'werrieta universali u padruna assoluta tiegħu lill-imħarrka[6];

[2] Paġġ. 348 – 9 tal-proċess
[3] Paġġ. 350 – 1 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[5] Dok "AG8", f'paġġ. 261 – 3 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġġ. 11 – 2 tal-proċess

Tqis li l-avukat Grima kien deher ukoll f'isem l-istess Carmelo Brincat f'kuntratt pubbliku tal-firda personali bejnu u martu Margaret Brincat fl-20 ta' Ottubru, 2006[7];

Tqis li l-avukat Grima tħarrek biex għas-seduta msemmija jġib miegħu "kull dokument relatat (ma)l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-mejtin Carmelo u Margaret Brincat, partikolarment il-klawżola numru 5 tal-istess kuntratt, u biex jixhed dwar it-testment ta' Carmelo Brincat datat is-6 ta' Ġunju, 2005, u dwar il-kontenut tal-istess u dwar xiex kien wassal għal tali testment";

Tqis li l-liġi trid li "*L-avukat u l-prokuratur legali ma jistgħux, mingħajr il-kunsens tal-klijent, .... jiġu mistoqsija fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu, l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu ġew fdati lilhom mill-klijent għall-finijiet tal-kawża...*"[8];

Tqis li l-atturi jisħqu li din ir-rabta tista' tinħall biss mill-klijent innifsu, u li l-ħall tal-istess rabta ma jistax isir minn ħaddieħor, b'mod partikolari mill-werrieta tal-klijent li jkun, kif l-għaref difensur tal-imħarrka issottometta li jista' jsir;

Tqis li l-liġi ma tfissirx jekk il-kelma "klijent" tridx titqies fit-tifsira litterali tagħha (bħal meta, b'eżempju, l-klijent ikun persuna ġuridika) jew ukoll jekk fiha hemmx magħduda s-suċċessuri tal-klijent li jkun;

Tqis li l-kwestjoni tar-rabta ta' avukat lejn il-klijent tiegħu hija waħda mis-sisien ta' mġiba xierqa u meħtieġa mistennija mill-professjoni legali mhux biss dwar ir-rabta tas-sigriet professjonali, iżda wkoll bir-rabta tal-

---

[7] Dok "B", f'paġġ. 6 – 10 tal-proċess

[8] Art. 588(1) tal-Kap 12 (il-partijiet imħollija barra jirreferu għas-saċerdot u dak li jkun sar jaf waqt il-qrar)

kunfidenzjalita'. Tali rabta tista' tinħall biss mill-klijent jew meta dan jirrinunzja għalih[9];

Tqis ukoll li d-dispożizzjoni tal-artikolu 588 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jorbtu wkoll fil-każ ta' kxif permess minn liġijiet speċjali dwar is-Segretezza Professjonali[10], liema liġijiet jgħoddu wkoll għall-professjoni ta' avukat[11];

Tqis li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tagħna dwar ir-rabta tal-avukat jixhdu li dan huwa jedd ta' ħarsien favur il-klijent, u mhux it-tgawdija ta' jedd ta' eżenzjoni li wieħed ikun imġiegħel jixhed, kif jidher li huwa l-każ f'sistemi proċedurali oħrajn bħalma huwa l-każ fl-Italja[12];

Tqis li, taħt is-sistema proċedurali ċivili Anglo-Sassonu (li minnu jidher li nstiltu r-regoli tal-Kodiċi tagħna dwar il-mod kif jitmexxa l-proċediment quddiem qorti f'kawża[13]) huwa miżmum li "*The privilege is in all cases the privilege of the client and not of the solicitor or legal adviser and may be waived by the client but not by the solicitor or legal adviser*"[14]. Minbarra dan, "*privilege is not lost by the death of the client*"[15];

Tqis ukoll li llum huwa miżmum li "*although originally confined to advice about litigation, legal professional privilege has long been extended to non-litigious business. The test is whether the communication or document is made confidentially for the purpose of legal advice. Those purposes have to be construed broadly. Privilege obviously attaches to a document conveying legal advice from solicitor to client and to a specific*

---

[9] Kap VI, reg. 3 tal-Kodiċi tal-Etika u Mġiba għall-Avukati
[10] Artt. 6A, 6B u 9 tal-Att XXIV tal-1994 (Kap 377)
[11] Art. 3(1) tal-Kap 377
[12] Art. 249 C.P.C u Cost. **25.3.1997** (Nru. 87)
[13] P de Bono _Sommario della Storia della Legislazione in Malta_ (1897), Kap XVII, § 6, paġġ. 321 – 2; u H Harding _Maltese Legal History Under British Rule_ (MUP 1980) paġġ. 153 – 5
[14] Civil Procedure.Rules (The White Book) §31.3.27 (paġ. 566)
[15] *Ibid.* §31.3.28 (paġ. 568)

*request from the client for such advice. ... Moreover, legal advice is not confined to telling the client the law; it may include advice about what should prudently and sensibly be done in the relevant legal context*”[16];

Tqis madankollu li “*legal professional privilege of a party to a claim enures for the benefit of the successor in title to that party, at any rate, where the relevant interest subsists*”[17];

Tqis għalhekk li ż-żamma tal-privileġġ maħluq bis-saħħa tar-rabta tas-sigriet professjonali fejn il-klijent ikun miet, tinftiehem li sseħħ ukoll għall-benefiċċju ta’ min jidħol fiż-żarbun legali tiegħu;

Tqis li hu stabilit li “*the only recognized exception in posthumous privilege cases is the testamentary exception. This exception applies only when privileged communications are sought in a dispute between parties who claim an interest through the same decedent, either by testate or intestate succession or by an inter vivos transaction. The justification for this exception is that oftentimes the decedent would have consented to disclosure in order to carry out his or her testamentary desires*”[18];

Tqis li r-regoli tal-proċedura jridu jitħaddmu b’mod li jgħinu li l-każ jitmexxa b’ħaqq u bit-tiftix tas-sewwa u li t-tifsir tagħhom ikun b’mod li jgħin li jintlaħqu dawn l-għanijiet u mhux li jinżammu mistura ħwejjeġ li jkunu ta’ fejda biex dawk l-għanijiet jintlaħqu;

Tqis għalhekk, li d-dispożizzjoni tal-liġi dwar is-sigriet professjonali tgħodd ukoll għall-werriet tal-klijent tal-avukat. Għaldaqstant, bħalma l-klijent jista’ jeħles lill-

[16] C.A. ***Balabel vs Air India*** [1988] 2 W.L.R., 1036
[17] C.P.R. §31.3.29 (paġ. 568)
[18] ***Swidler & Berlin and James Hamilton v. United States***, 524 U.S. 399 (1998)

avukat tiegħu mir-rabta tas-sigriet professjonali, hekk ukoll jista’ l-werriet/a tal-klijent;

Tqis li, fil-każ tal-lum, l-imħarrka hija l-werrieta universali ta’ Carmelo Brincat u hi diġa’ stqarret li kienet qiegħda teħles lill-avukat tiegħu mir-rabta tas-sigriet professjonali;

Għal dawn ir-raġunjiet il-Qorti qegħda tipprovdi dwar il-kwestjoni mqajma mill-atturi billi:

**Tiċħad l-oġġezzjoni** tagħhom u ssib li l-Avukat Kenneth Grima jinsab maħlul mir-rabta tas-sigriet professjonali dwar il-fatti, kliem u struzzjonijiet li ngħata minn Carmelo Brincat għaż-żmien li l-istess avukat kien l-avukat tal-fiduċja tiegħu u dwar is-servizzi professjonali lilu mogħtija u għalhekk jista’ jitressaq b’xhud f’din il-kawża.

Mogħti kameralment illum, il-Hamis 28 ta’ Frar, 2013.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------